MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1073/1995/1

**Gaetano Abdilla u Pawlu Falzon ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' F. & A. Quarries Limited.**

**vs**

**Sebastian Dalli ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Mixer Limited gja Planka Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici versu s-socjeta` attrici versu s-somma ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) bilanc minn somma akbar sorte rappresentanti bejgh ta' ramel u zrar.

Illi l-konvenut gie nterpellat ufficjalment biex ihallas l-ammont minnu dovut izda inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenut *nomine* jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) jew somma verjuri u l-imghax fuq l-ammont kemm ilu dovut.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut *nomine* ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* a fol.9 *et seq.* tal-process fejn gie eccepiet:-

1. Illi l-ammont mhux dovut ghaliex sa fejn jaf l-eccipjent huma *nomine* dejjem hallas ghal dak li ordna;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qatt ma saru l-fornituri pretizi u ghalhekk dwar dan il-konvenut jirriserva li jeccepixxi ulterjorment;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghal kull *buon fini*, tenhtieg il-kjamat in kawza ta' Emmanuel sive Wally Gaffarena ghaliex dan kien accetta, in bazi ta' l-iskrittura esebita dok "A", ir-responsabilitajiet li jirrizultaw oltre dawk pattwiti meta saret ic-cessjoni ta' l-azzjonijiet minnu lil konvenut Dalli;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut *nomine* a fol.10 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 1996;

Rat in-nota tal-attur li biha esebixxa l-affidavit ta' Paul Falzon;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Mejju 1996; tas-17 ta' Gunju 1996; tat-23 ta' Ottubru 1996; tas-16 ta' Dicembru 1996; tat-28 ta' Mejju 1997; tat-13 ta' Gunju 1997; tas-27 ta' Gunju 1997 fejn Dr. Camilleri ddikjara li l-atturi m'ghandhomx aktar provi; tas-17 ta' Novembru 1997; tas-16 ta' Marzu 1998; tad-19 ta' Gunju 1998; tat-13 ta' Jannar 1999; tat-12 ta' Mejju 1999; tad-29 ta' Ottubru 1999 u tal-10 ta' Marzu 2000;

Rat in-nota ta' Gaetano Abdilla et li biha esebixxa l-affidavit ta' Gaetano Abdilla, Anthony Meilaq u Paul Falzon;

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta' April 2000; tal-24 ta' Mejju 2000 u tat-12 ta' Ottubru 2000;

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa dokumenti;

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Dicembru 2000 u tal-24 ta' April 2001;

Rat in-nota ta' Gaetano Abdilla noe;

Rat il-verbal tas-seduti tat-22 ta' Mejju 2001 u tal-5 ta' Lulju 2001;

Rat in-nota tal-atturi;

Rat il-verbal tas-seduti tal-4 ta' Dicembru 2001 u tas-16 ta' April 2002 fejn Dr.Patrick Galea msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-konvenuti u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Camilleri talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza u li jipprezenta nota. Il-Qorti laqghet it-talba u ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa u dan anke in vista tal-verbal tal-4 ta' Dicembru 2001 u pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota tal-osservazzjonijiet bin-notifika/visto

lid-difensur tal-kontroparti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2002;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. MERTU TAL-KAWZA ODJERNA

Illi l-atturi *nomine* qed isostnu li l-konvenut *nomine* huwa debitur taghhom versu s-somma ta' Lm13,000 bilanc minn somma akbar sorte rappresentanti bejgh ta' ramel u zrar.

Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut *nomine* cahad li dan l-ammont hu dovut ghax sa fejn jaf hu dejjem hallas ghal dak li ordna. Anzi hu eccepixxa wkoll illi qatt ma saru l-forrnituri pretizi. Talab ukoll il-kjamata fil-kawza ta' Emanuel sive Wally Gaffarena ghax dan kien accetta, in bazi ta' l-iskrittura esebita Dok "A", ir-responsabilitajiet li jirrizultaw oltre dawk pattwiti meta saret ic-cessjoni ta' l-azzjonijiet minnu lill-konvenut Dalli.

## III. PROVI PRODOTTI.

Illi **Paul Falzon**, wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, xehed li huma kienu jbieghu materjal konsistenti f'ramel u zrar lis-socjeta' konvenuta u qal illi ilhom xi sentejn mid-data tal-affidavit (1996) jew ftit aktar li komplew in-negozju taghhom. Gara pero' li mument minnhom is-socjeta' konvenuta waqqfet il-pagamenti. Huma kkomunikaw mad-dirigenti tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas. Skond hu huma pprometlew li se jhallsu aktar tard peress li kellhom problemi finanzjarji u qatt ma ndikaw li ma kienux ser ihallsu. Gara pero' li l-azzjonisti l-antiki bieghu l-ishma taghhom lill-konvenuti odjerni u s-socjeta' biddlet isimha. Ix-xhud kompla illi recentement id-dirigenti tas-socjeta' konvenuta irrikonnoxxew illi kellhom jaghtuha. Tant hu hekk li Sebastian Dalli kien tah ammont zghir *on account*.

Inoltre' Wallie Gaffarena qallu li meta ttrasferew l-ishma taghhom lill-azzjonisti l-godda, fl-ebda mument ma assumew id-debiti tal-kumpanija u bl-ebda mod ma qatt il-kumpanija giet ezonerata minn dan il-hlas. Hu xehed li qatt ma rcieva ittra ufficcjali fejn gie notifikat b'xi assenjazzjoni ta' debitu tas-socjeta' konvenuta.

Illi 'n kontro-ezami gie mistoqsi dwar estratt minn *ledger sheet* minn fejn jirrizulta li sar pagament ta' Lm1,500. Dan thallas b'*cheque* u kien mar ghalih personalment . Huwa jaf li gabru mill-kumpanija Planka Limited. Huwa qal li hu ghandu kumpannija ohra li jinnegozja biha. Dak iz-zmien kellu lil Falzon & Schembri Limited li xtrat l-istess kumpanija minghand l-F & A Quarries Ltd. Din kienet tbiegh iz-zrar ukoll. Meta gie mistoqsi jekk Lm1,500 thallsu bhala debitu lill-kumpanija ohra tieghu hu rrisponda li kien halla f'idejn l-iskrivan biex jara minn fejn l-ammont kellu jinqata'. Huwa qatghu mill-antik tal-Planka Limited. F & A Quarries Ltd bieghet il-barriera lil Falzon & Schembri Limited. Ma kienx hemm perjodu ta' waqfien ghax baqghu ghaddejjin. Ghalkemm il-kumpanija l-ohra baqghet tezisti ma kellhiex xi tbiegh.

Illi **Emanuel sive Wally Gaffarena** xehed li hu kien direttur u *main shareholder* fis-socjeta' Planka Limited. Hu kien biegh din is-socjeta' lill-konvenut Sebastian Dalli. Huwa kien ittrasferixxa il-*majority shareholding* f'din il-kumpanija lill-konvenut Dalli. Huwa jaf illi meta Dalli ha minn ghandu din il-kumpanija kien ghad hemm bilanc favur l-atturi *nomine*. Dan id-dejn kien jirraprezenta bilanc ta' zrar mibjugh lill-kumpanija Planka Limited. Dan id-dejn kien jidher fil-kotba tal-kumpanija Planka Limited. Hu ma setax ighid kemm kienet is-somma bilancjali dovuta billi ghadda hafna zmien. Huwa telaq ghal kollox u ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kumpanija ghal madwar sentejn mix-xhieda. Qabel dan iz-zmien Dalli kien diga' qieghed jaghmilha ta' *manager* ta' din il-kumpanija. Huwa ftakar li l-bilanc kien jaqbez is-somma ta' Lm1,000 izda l-ammont ezatt ma jiftakrux. Hu m'ghandu *records* ta' xejn. Meta ceda lill-konvenut Dalli ma kellu x'jaqsam xejn aktar ma' Planka Limited ghax hu dahal fiz-zarbun tieghu u ha t-tajjeb u l-hazin tal-istess socjeta`.

Illi **Gaetano Abdilla**, wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Qal illi l-*book-keeper* tal-kumpanija kien Anthony Meilaq. Meta spicca ma regghux impjegaw iehor peress li s-socjeta' saret *non-trading* u qed jigbru l-kontijiet pendenti. Huwa kkonferma illi wara l-pagament tas-16 ta' Gunju 1994 ma thallsux aktar. Qal ukoll li meta ppressaw lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas, dawn qatt ma nnegaw li l-ammonti huma dovuti u dejjem qalulhom biex jiehdu ftit pacenzja.

Illi in kontro-ezami qal illi hu qed jippretendi s-somma ta' Lm12,991 plus l-imghaxijiet.  Ghall-ewwel kien jinnegozja ma' Wally Gaffarena. Meta dahal Dalli bhala *shareholder* tas-socjeta' konvenuta ma ssupplixxa ebda materjal lil Planka Limited.

Illi **Anthony Meilak** xehed li kien jahdem mas-socjeta' F & A Quarries Limited bhala skrivan u *book-keeper*. Hu kien inkarigat milli jzomm il-kontijiet u l-kotba tal-kumpanija. Huwa rrefera ghall-*balance sheet* tas-socjeta' konvenuta li dak iz-zmien kien jisimha Planka Limited. Minn hemm jirrizulta li sas-16 ta' Gunju 1994 l-ammont dovut lilhom kien fis-somma ta' Lm12,9991.30. Hu esebixxa Dok "AM1" bhala veru estratt tal-*ledger book* in kwistjoni u jirreferi ghall-kont li kellhom ma' Planka Limited. Meta kien sar l-ahhar *cheque* mis-socjeta' konvenuta kien ghadu jahdem ma' l-attur. Hu telaq mix-xoghol xi 6 xhur wara u sa fejn jaf hu qatt ma sar pagament iehor.

Illi **Sebastian Dalli** xehed li hu direttur tas-Socjeta' Mixer Ltd li qabel kien jisimha Planka Ltd. Huwa sar azzjonista' ta' din il-kumpanija wara li xtara l-ishma minghand Wally Gaffarena permezz ta' kuntratt tal-15 ta' April 1995. Meta xtara l-ishma tal-kumpanija, Gaffarena indikalu min huma d-debituri u l-kredituri tal-kumpanija li kien se jixtri u jghid illi fl-*accounts* tal-kumpanija l-ammont li qed tippretendi l-kumpanija attrici ma kienx jidher. Il-ftehim kontrattwali bejnu u bejn Gaffarena kien illi jassumi r-responsabbilta' tad-debiti dovuti biss jekk jirrizulta illi d-debiti dovuti kienu fil-fatt dawk id-debiti li fuqhom kien infurmah Gaffarena (Dok  "SD1").

Illi huwa kompla li ma jirrizultalu minn ebda dokument tal-kumpanija li s-socjeta' Mixer Ltd, ghandha taghti xi haga lill-kumpanija attrici. Id-debiti li fil-mument tal-kuntratt kien infurmah bihom Wally Gaffarena u kif kienu jirrizultaw mill-*accounts* li pprezentalu qabel ma xtara l-ishma tal-kumpanija kienet is-somma ta' Lm34,266. Dan il-bilanc jikkonsisti fi Lm30,000 ghal debitu li l-kumpanija kellha mad-ditta Zammit Brothers liema debitu gie ristrutturat f'serje ta' kambjali u gie saldat. L-Lm4,000 rimanenti kienu dovuti lill-kumpanija Hard Rocks, liema ammont gie wkoll saldat. Zied ighid ukoll illi l-kumpanija li kien qed jixtri ma kienet qed tassumi l-ebda responsabbilta' ghal xi djun li ghalihom kien responsabbli personalment Wally Gaffarena.

Illi sa fejn jaf hu il-kumpanija Mixer Ltd gia Planka Ltd qatt ma kellha relazzjoni mal-kumpania attrici F. & A. Quarries Ltd anzi lanqas biss kien jaf biha. Il-prospett prezentat fil-Qorti qatt ma gie muri lilu u bhala kumpanija qatt ma rcevew xi ittri jinterpellaw lill-kumpanija tieghu sabiex thallas. Hu jsostni li l-ebda materjal imsemmi f'din il-kawza qatt ma gie ordnat mill-kumpanija tieghu, qatt ma gie konsenjat u b'hekk l-ammont pretiz qatt ma kien dovut mill-kumpanija tieghu.

Illi huwa kompla jispjega li l-uniku relazzjoni li l-kumpanija tieghu qatt kellha mal-attur kien bhala direttur tal-kumpanija Ramel u Zrar Ltd. Ghalkemm giet registrata kumpanija ohra li bdiet tiggestixxi n-negozju m'assumietx id-debiti ta' Mixer Ltd. Imbaghad rigward l-allegazzjoni li s-socjeta' Mixer Ltd, gja Planka Ltd, ghamlet pagament ta' Lm1,500 permezz ta' cekk fl-1994 qal illi dan ic-cekk lanqas jirrizulta mir-*records* tal-kumpanija.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mill-provi prodotti u senjatament mid-dokumenti esebiti rrizulta bla ebda dubju li s-socjeta' attrici kienet tforni ramel u zrar lis-socjeta' Planka Ltd u dan fiz-zmien meta Emanuel sive Walley Gaffarena kien l-azzjonista maggoritajru tas-socjeta` konvenuta, u dan kif gie ppruvat

u korroborat min-numru ta’ *delivery notes* kif ukoll mill-kopji tal-*invoices* relattivi ghad-*delivery notes* li gew prezentati. Illi li gara hu li Wally Gaffarena, direttur ta’ Planka Ltd, fil-15 ta’ April 1995 biegh lil Sebastian Dalli f’isem Asset Investments Ltd il-*majority shareholding* li kellu tal-kumpanija Planka Ltd (vide Dok “SD1” a fol 101 tal-process) biex b’hekk fi kliem l-istess Gaffarena:- *“Jiena meta cedejt lill-konvenut Dalli ma kelli x’naqsam xejn aktar mal-kumpanija Planka Ltd. Huwa dahal fiz-zarbun tieghi u ha t-tajjeb u l-hazin.”* Fix-xhieda tieghu qal illi hu kien jaf li kien hemm bilanc favur is-socjeta’ attrici ghalkemm ma kienx jaf bic-cert l-ammont kemm kien billi ghadda hafna zmien. Huwa sostna li dan id-dejn kien jidher fil-kotba tal-kumpanija Planka Ltd u ghalhekk il-konvenut prorprio Sebastian Dalli kien jaf bid-dejn. L-istess Gaffarena xehed li hu kien qal lill-konvenut illi kien jezisti d-dejn favur l-atturi *nomine*.

Illi Sebastian Dalli qed jinsisti li meta huwa xtara l-ishma minghand Gaffarena ma kienx a konoxxenza ta’ dan id-dejn. Anzi jibbaza l-argument tieghu fuq l-iskrittura (Dok “SD1” a fol 101 tal-process) fejn gie dikjarat illi Planka Ltd ma tassumi ebda responsabbilta’ personali ghal kwalunkwe djun u *commitments* ta’ Emanuel sive Wally Gaffarena. Inoltre’ qed isostni li fl-*accounts* tal-kumpanija Planka Ltd ghas-sena li spiccat 31 ta’ Dicembru 1994 id-debiti kienu fl-ammont ta’ Lm34,266 u specifika li kienu ta’ zewg kumpaniji partikolari.

Illi jinghad pero’ illi l-ewwelnett ghalkemm hu minnu li fl-iskrittura msemmija hemm li Planka Ltd ma assumiet l-ebda responsabbilta’ personali ghal kwalunkwe djun u *commitments* ta’ Gaffarena, fil-kaz odjern m’ahniex qed nitrattaw dwar dejn jew *commitment* li kellu Wally Gaffarena personali. Il-mertu tal-kawza odjerna huwa debitu li s-socjeta` Planka Ltd kellha mas-socjeta’ F. & A. Quarries Ltd ghall-konsenji ta’ materjal li bla ebda dubju rrizultaw li saru. Inoltre’ Planka Ltd ghandha personalita’ guridika separata u distinta minn dik ta’ Wally Gaffarena. Ukoll ghal effetti u buon fini tal-Ligi jinghad li anki kieku kienet tezisti xi forma ta’ eskluzjoni ta’ responsabbilta’ minn tali debiti din kienet tapplika biss ghar-relazzjoni bejn

l-istess Sebastian Dalli u Emanuel sive Walley Gaffarena, ghaliex ghas-socjeta` attrici tali ftehim citat mis-socjeta` konvenuta huwa '*res inter alios acta*' u mkien mill-istess skrittura datata 15 ta' April 1995 ma jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet kopartecipi u wisq inqas firmatarja ta' tali ftehim.

Illi kieku Emanuel sive Walley Gaffarena assuma unilateralment tali hlas ta' dejn li is-socjeta` konvenuta kellha mas-socjeta` attrici, r-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta tibqa' l-medesima, hlief ghal azzjoni ta' rivalsa li s-socjeta` konvenuta, jew ahjar l-azzjonista proprio Sabastian Dalli kien ikollu mal-azzjonisti precedenti tal-istess socjeta`, u dan certament mhux il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi jinghad ukoll li ghalkemm fl-*accounts* ta' Planka Ltd. jirrizulta li kien hemm debiti fl-ammont ta' Lm34,266 imkien m'hemm specifikat l-ismijiet tal-kredituri taghha. Illi sabiex Sebastian Dalli proprju jsostni t-tezi tieghu kontra l-azzjonisti precedenti kien jinkombi proprju fuqu li jipprova l-kuntrarju u dan m'ghamlux ghax lanqas biss ipprezenta l-kotba tal-kumpanija Planka Ltd, ghalkemm dan kollu lanqas ghandu x'jaqsam mal-kawza odjerna u r-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li apparti li s-socjeta` konvenuta bla edba mod ma ippruvat l-allegazzjonijiet taghha kontenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet, kemm rigwardanti l-allegat pagament, kemm rigwardanti l-iskrittura privata tal-15 t'April 1995 bejn Sebastian Dalli u Emanuel sive Walley Gaffarena (Dok 'A' fol 12) jirrizulta li hemm kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ghaliex li tghid li hallast ghall-fornituri maghmula, u li tghid ukoll li qatt ma saru l-fornituri pretizi li gia eccipejt li hallast, huwa fl-ahjar ipotesi konfuzzjonarju, u jxejjnu sostanzjalment, jekk mhux ghal kollox il-posizzjoni tas-socjeta` konvenuta fid-difiza taghha.

Illi wara li inghad dan kollu din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tasal ghall-konkluzjoni li l-ammont ta' Lm12,991.30 kien verament dovut minn Planka Ltd. ghal

diversi forrnituri li s-socjeta' attrici ghamlet. Irrizulta ampjament li l-ahhar *cheque* li thallas lis-socjeta' attrici kien fis-16 ta' Gunju 1994 fl-ammont ta' Lm1,500 li l-istess Paul Falzon mar gab personalment minn Planka Ltd u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## V. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, **tilqa' t-talbiet attrici,** b'dan il-mod illi:-

1) Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' tnax-il elf u disa' mija u wiehed u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm12,991.30) bilanc minn somma akbar rappresentanti bejgh u konsenja ta' ramel u zrar mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali li jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fil-11 t'Awissu 1995 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut *nomine*.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Ottubru, 2002.**